



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla)

2 ta' ġunju 2016\*

“Politika estera u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra s-Sirja — Iffriżar ta’ fondi — Adattament tat-talbiet — Żball ta’ evalwazzjoni”

Fil-Kawża T-723/14,

**HX**, residenti f'Damas (Sirja), irappreżentat minn S. Koev, avukat,  
rikorrent,

vs

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**, irappreżentat minn I. Gurov u S. Kyriakopoulou, bħala aġenti,  
konvenut,

li għandha bħala suġġett rikors ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiż li jannulla d-Deċiżjoni ta’ Implementazzjoni tal-Kunsill 2014/488/PESK, tat-22 ta’ Lulju 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2014, L 217, p. 49), ir-Regolament ta’ Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 793/2014, tat-22 ta’ Lulju 2014, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU 2014, L 217, p. 10), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/837, tat-28 ta’ Mejju 2015, li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2015, L 132, p. 82), sa fejn l-isem tar-rikorrent ġie inkluż fil-listi tal-persuni u tal-entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi,

IL-QORTI ĜENERALI (Is-Seba' Awla),

komposta minn M. van der Woude, President, I. Wiszniewska-Bialecka u I. Ulloa Rubio (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: M. Marescaux, Amministratur,

wara l-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tat-8 ta’ Diċembru 2015,

tagħti l-preżenti

\* Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru.

**Sentenza<sup>1</sup> [omissis]**

**Id-dritt**

*Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal addattament tar-rikors*

- 27 Kif jirriżulta mill-punt 18 iktar 'il fuq, id-Deċiżjoni 2013/255 kif emendata mid-deċiżjoni kkontestata għiet estiża mill-Kunsill permezz tad-Deċiżjoni 2015/837. Ir-rikorrent talab waqt is-seduta għall-adattament tar-rikors.
- 28 Mill-Artikolu 86(1) u (2) tar-Regoli tal-Proċedura jirriżulta li, meta att li jkun qed jintalab l-annullament tiegħu jiġi sostitwit jew emendat minn att ieħor li għandu l-istess suġġett, ir-rikorrent jista', qabel l-għeluq tal-fażi orali tal-proċedura, jadatta r-rikors sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni dan l-element ġdid. L-adattament tar-rikors għandu jsir permezz ta' att separat u fit-terminu, previst fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, li fih jista' jintalab l-annullament tal-att li jiġġustifika l-adattament tar-rikors.
- 29 Issa, sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti tal-Artikolu 86(2) tar-Regoli tal-Proċedura, l-adattament tar-rikors għandu jsir permezz ta' att separat. Issa, għandu jiġu osservat li r-rikorrent talab l-adattament tar-rikors oralment, matul is-seduta. Għalhekk, fin-nuqqas ta' preżentata ta' talba għal adattament tar-rikors permezz ta' att separat, kif meħtieġ mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 86(2) tar-Regoli tal-Proċedura, hemm lok jitqies li t-talba għal adattament tar-rikors hija inammissibbli.
- 30 Fid-dawl tal-konstatazzjonijiet li saru iktar 'il fuq, it-talbiet għal annullament f'din il-kawża għandhom jitqiesu bħala ammissibbli unikament sa fejn huma intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni u tar-regolament ikkонтestati (iktar 'il quddiem l-“atti kkontestati”).

[omissis]

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi :

- 1) **Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill 2014/488/PESK, tat-22 ta' Lulju 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja u r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 793/2014, tat-22 ta' Lulju 2014, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, huma annullati sa fejn dawn l-atti jirrigwardaw lil H.X.**
- 2) **Ir-rikors huwa miċħud għall-bqija.**
- 3) **Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbatisse l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk ta' H.X.**

Van der Woude

Wiszniewska-Bialecka

Ulloa Rubio

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-2 ta' Ġunju 2016.

1 — Qed jiġu rrīprodotti biss dawk il-punti ta' din is-sentenza li l-Qorti Ġeneralis tqis li l-pubblikkazzjoni tagħhom hija utli.

Firem